**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 39 - L-ERBGĦA 16 TA' MARZU 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier (wasal fis-17:47) |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier (wasal fis-17:45) |
| Assenti b'apoloġija: | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| Assenti: | Dott. Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Keith Buhagiar | Skrivan |

**Nuqqas ta' quorum:**

Peress li fil-17:30, meta s-sejħet il-laqgħa, ma kienx hemm il-quorum meħtieġ, il-laqgħa bdiet fil-17:45 hekk kif kien hemm il-quorum meħtieġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien rċieva e-mails mingħand il-Kunsillieri Deguara u Gatt li taw raġunijiet talli ma jistgħux jattendu, għalkemm il-Kunsillier Deguara, jekk ilaħħaq li kellu, jipprova jiġi. Il-Kunsill qies l-assenza tagħhom bħala ġustifikata.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 38** li kienu meqjusa moqrija**.**

2.2 Is-Sindku ipproponie l-approvazzjoni tagħhom filwaqt li l-Kunsilliera Cuomo ssekondat.

2.3 Il-minuti ġew approvati *(nem con)*.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku infurmat li l-Kumitat Reġjonali kien ta AED li ġie installat fl-għassa tal-Pulizija għall-użu tal-pubbliku.

3.2 Is-Sindku infurmat ukoll li xtaqet tkun taf kull Kunsillier x'qiegħed jagħmel fir-responsabbiltajiet tiegħu u għalhekk talbet li sa laqgħa oħra jressqulha r-rapporti relattivi.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/39) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar Jannar anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi D.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con)* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 10 ta' Marzu (anness f'appendiċi E). Dawn ġew meqjusa moqrija.

6.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proponiment tas-Sindku sekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ħamis 10 ta' Marzu (anness f'appendiċi F).

7.2 Il-Kunsill approva r-rapport *(nem con)* wara proposta mis-Sindku s-ssekondata mill-Kunsillier Gaffiero.

## 8. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

8.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2022 fis-17:45.

8.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-17:52.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |